Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-24 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Formosa)**

**Versus**

**Jinqiang Liu**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Jinqiang Liu,** ta' 33 sena, ta' nazjonalita' Ciniza, bin l-Qui Feng u Xui Chun, imwieled gewwa Fuijan, Cina nhar id-09 ta' Ottubru 1989 li jirrisjedi gewwa Via Pezzalunga, 53, Acerra (NA), Napoli, Italja, detentur tal-Passaport Ciniz bin-numru EB9469433.

Akkuzat talli, nhar it- 22 ta' Marzu 2023, għal ħabta tal-23.30hrs, ġewwa d- Deep Water Quay, Virtu Ferries Terminal, Marsa, u/jew fi bnadi oħra ġewwa l- gżejjer Maltin, li falla li jiddikjara mal-Kummissarju tat-Taxxa, li kien qiegħed iġorr is-somma ekwivalenti għall-għaxart (10,000) elef Euro, jew aktar, fi flus kontanti, meta kien diehel gewwa Malta bil- bahar; (Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07).

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-24 ta' Marzu 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hija hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnha ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll l-Fedina Penali netta tieghu.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Regolament 3 tal-L.S. 233.07 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ghas-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin elf mitejn u wiehed u erbghin Euro (€ 12,741.00)

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**